MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 8/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jurgen Gafa**

Numru 8/2015

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Jurgen Gafa**, ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Victor u Yvonne neé Zammit,

imwieled Pietà, fis-6 ta' Marzu 1979, u residenti 'Bini Tal-Gvern', Block A, Flat 3, Triq il-Palazz l-Ahmar, Santa Venera, numru tal-Karta tal-Identita' 150779(M), akkuzat talli nhar il-8 ta' Gunju 2013, ghall-habta ta' 1.40 ta' filghodu u fiz-zminijiet qabel waqt li kien qieghed fi Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-

ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B"), il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) issib lill-imputat Jurgen Gafa hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmien (8) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "F" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------